L-GHID TA' L-ASSUNTA

14 [1979]

www.gozocathedral.org.mt

KOTBA PPUBBLIKATI MILL-KATIDRAL

- IL-KATIDRAL TA' L-ASSUNTA 10c
- IL-BALLATA TAL-KONVOJ TA' SANTA MARIJA 20c
- 350 SENA KOLLEĠĠJATA 90c
- IL-MATRIĊI KOLLEĠĠJATA TA' L-ASSUNTA U L-EWWEL PARROĊĊI TA' GĦAWDEX 80c
- L-INKORONAZZJONI TA' L-ASSUNTA — 1975 60c

IL-5 KOTBA FLIMKIEN £M2 FLOK £M2.60

— SKONT TA' 25% — OFFERTA LIMITATA

Aħbar Ġdida tad-Ditta CARUANA

Office: 57, Republic Str., Vict. Tel. 556464

Importaturi

- tal-Plywood, Injam, u ħadid ta' kull daqs u kwalità.
- Kmamar tal-Banju, kompluti bil-viti mill-aqwa, u Ċeramika tal-ħajt u ta' l-art.
- u għal kull materjal ieħor tal-bini, irrikorru għand din id-ditta ġdida, u kunu żguri bl-aqwa kwalità u bl-orħos prezzijiet.

www.gozocathedral.org.mt

l-għid
ta' l-assunta

14 (1979)

MESSAGG TA' L-ARCIPRIET GĦALL-JIEM TAL-FESTA

Ninsabu fis-sena internazzjonali tat-tfal u fis-sena tal-promozzjoni umana fil-pjan pastorali għad-djoċesi tagħna. Tajjeb għalhekk li f'din is-sena naċċentwaw il-jiem tal-festa tal-Padruna Speċjali tagħna u tal-Għejjer Maltin, Santa Marija, fuq attivitajiet li jgħinu lit-tfal jifhmu li biex igħixu l-messaġġ tal-Vanġelu fir-realtà tiegħu jeħtieġ li huma jiddedikaw persentaġġ għoli ta' ħinhom għas-servizzi umanitarji.

Għal din ir-raġuni, il-programm tal-festa ta' din is-sena jiġbor fih bosta attivitajiet li fihom sa jieħdu sehem it-tfal tal-parroċċa ħalli huma:

* **IĦADDMU** l-potenzjalità effiċjenti tagħhom kollha kemm hi favur min hu anqas ixxurtjat minnhom;

* **JIŻNU** fuq il-miżien ta' l-imparzjalità evanġelika s-siwi ta' min jiddedika ħajtu għall-ġid ta' l-oħrajn;

* **JISSAĦĦU** fid-deċiżjoni li l-attitudini ta' "jien ma nagħmel ħsara lil ħadd" ma hi ta' l-ebda valur għall-bini ta' soċjetà aktar ġusta u umana;

* **JIKKOLTIVAW** fihom l-intelliġenza battezimali li twassalhom biex, bħala wlied adottivi t'Alla, jinteressaw irwieħhom fil-problemi ta' ħuthom il-bnedmin;

* **JGĦIXU** l-faqar evanġeliku b'mod li jifhmu li bħalma qalet Mother Tereża ta' Calcutta li l-miżerja ta' l-Indja tinsab anki fil-pajjiżi l-aktar għonja tad-dinja;

* **IĦABIRKU** li biex ikollok dritt li tieħu sehem mill-Ħobż tal-Ħajja jeħtieġ li tistinka biex kulħadd ikollu l-jedd li jipparteċipa mill-ħobż għall-ħajja.

Tajjeb, għalhekk, li f'dawn il-ġranet tal-festa, aktar mis-soltu nitolbu lill-Verġni Marija Assunta bi kliem il-Papa attwali Ġwanni Pawlu II u ngħidulha: "Agħmel li l-Knisja tkompli l-ħidma tagħha ta' evanġelizzazzjoni fil-paċi u l-libertà".



Ħarġa ta' darba fis-sena.
Editur: Mons. Carmelo Scicluna,
Arċipriet tal-Katidral.

www.gozocathedral.org.mt

IL-VIŻITATUR MONS. ASCANIO LIBERTANO IŻUR IL-MATRIĊI TAL-ASSUNTA FIS-SENA 1585

ALEXANDER BONNICI O.F.M. Conv.

Ftit wara Dusina

Il-Viżta ta' Mons. Pietru Dusina hi waħda magħrufa ħafna fl-istorja tal-Knisja tal-gżejjer tagħna. Imma viżti appostoliċi jew pastorali kien hawn tant oħrajn: anki jekk dawn huma inqas magħrufin. Ilkoll iżidu xiħaġa ma' ġrajjiet il-Knejjes tagħna. Aktar ma huma qodma aktar huma importanti għaliex ikunu fuq żmenijiet li dwarhom nixtiequ nafu tant iżjed.

Ma kenux għaddew ħlief għaxar snin minn mindu Dusina żar il-Parroċċi tagħna. Fuq din il-viżta ta' Dusina nkiteb bosta drabi. Jiena nnifsi, biex nitkellem fuq Għawdex biss, daħħalt xiħaġa dwarha fil-ktieb tiegħi IL-MATRIĊI KOLLEĠĠJATA TA' L-ASSUNTA U L-EWWEL PARROĊĊI TA' GĦAWDEX (pp. 49-56). **Fis-sena 1585, u fi żmien li juri li l-qagħda mwiegħra tal-gżejjer tagħna ma kenitx tbiddlet, kellna l-Viżta ta' Mons. Ascanio Libertano. F'Malta u Għawdex ta' dak iż-żmien, l-Isqof Djoċesan kien Tumas Gargallo. Imma, kif tgħid l-istess relazzjoni tal-Viżta ta' Libertano, din kienet viżta appostolika li saret bl-ordni tal-Papa Franġiskan Konventwal Sistu V.**

Tagħrif miġbur minn Dokumenti

Jiena ma nafx li kien hawn min niżel fil-fond fuq din il-viżta, għalkemm kien hawn xi kittieba li semmewha, u qalulna wkoll fejn hawn xi materjal dwarha. Relazzjonijiet sostanzjalment tajbin jinsabu fl-Arkivju Katidrali ta' l-Imdina u fil-Kurja Arċiveskovili tal-Belt Valletta. Jiena nibni l-kitba tiegħi fuq it-tagħrif li jinsab fl-Imdina fil-Manuskritt numru 181.



Mons. Ascanio Libertano beda l-viżta tiegħu fis-26 ta' Mejju, 1585. Hu bdieha billi telaq mill-Birgu u mar iżur il-Parroċċa tan-Naxxar. Imma hu stenna sad-9 ta' Ġunju biex żar it-tieni Parroċċa li kienet dik taż-Żurrieq. L-għada, 10 ta' Ġunju, il-Viżitatur mar is-Siġġiewi, u fis-16 ta' Ġunju mar iż-Żejtun (A.C.M.,

www.gozonews.org.mt

181, ff. 27r-28v). Kif wieħed jistenna tingħata importanza lill-Viżta tal-Katidral ta' Malta li saret fit-28 ta' Ġunju, 1585, (**Ibid.**, ff. 28r-29r). Mill-Imdina u r-Rabat, hu għadda għal Ħ'Attard, imma mhux qabel it-2 ta' Lulju (**Ibid.**, ff. 29r-v). Fis-7 ta' Awissu, hu żar il-Parroċċa ta' Ħal-Qormi (**Ibid.**, ff. 29v-30r).

Lejn Għawdex

Din il-viżta ta' Mons. Libertano xejn ma kienet waħda mgħaġġla. Hu ħalla jgħaddu tliet xhur oħrajn biex ħaseb ħalli jmur lejn Għawdex. Kif wasal Għawdex fis-6 ta' Ottubru, 1585, hu mar minnufih lejn il-Matriċi. Il-Viżta tgħid sempliċement li hu żar il-Matriċi għaliex "Matriċi" ma kienx hemm ħlief dik ta' l-Assunta. Imma, imbagħad, fid-deskrizzjoni, jinkiteb li l-Matriċi kienet iddedikata lill-Verġni Marija Assunta. Il-Viżitatur qaddes, u għamel priedka lill-poplu miġbur, u beda l-viżta tiegħu billi eżamina l-qagħda ta' dik il-Parroċċa (**Ibid.**, f. 30r).

Tqarbin lill-Morda

Viżta ma ssirx biex il-Viżitatur joqgħod ifaħħar. Għalhekk, għalkemm hu ntebaħ li dik il-Knisja Matriċi kienet l-unika waħda li tassew kienet fuq riġlejha, ma naqasx li jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu. Is-Sagrament kien jinżamm f'pissidi tal-fidda ġewwa t-tabernaklu. It-tabernaklu kien ta' njam indurat u, minn ġewwa, kien miksi bi drapp ħamrani.

Madankollu, Mons. Libertano kellu l-ilment tiegħu. Kien qed jiġri li, fit-tqarbin tal-morda, is-saċerdot ma satax ħlief jieħu dak il-pissidi waħdieni li kien hemm fit-tabernaklu. Għalhekk, f'każ ta' Tqarbin 'il barra mill-Knisja, il-Matriċi kienet qiegħda tkun mingħajr sagrament. Il-Viżitatur, għalhekk, ordna li ssir teka ċkejkna biex, min iqarben, jieħu s-sagrament fiha (**Ibid.**, f. 30r).

Dan kien importanti anki għal raġuni oħra. Ma jidhirx li f'Għawdex il-qagħda kienet irranġat wisq minn mindu kienet saret il-viżta ta' Dusina. Ma jidhirx li kien hemm knejjes oħrajn f'Għawdex li fihom is-sagrament kien jinżamm b'mod kontinwu. Jidher li l-ebda knisja ma kienet fi stat li fiha jkun xieraq li jinżamm is-Sagrament. (**Ibid.**, 182, f. 298).

Żjut Imbierka u Fonti

Fin-naħa tal-lemin ta' l-Artal Maġġur kien hemm iż-żjut imbierka f'tazza tal-fidda. Il-Viżitatur ordna li d-daħla ċkejkna fil-ħajt: fejn kien hemm dawk iż-żjut kellha tingħalaq b'bieba żgħira u magħha titqiegħed bħal purtiera ċkejkna. Hu ried ukoll li jkun hemm tliet tazez tal-fidda għal dawk iż-żjut, u mhux waħda biss.

Fuq in-naħa tal-lemin tal-bieb tal-Knisja kien hemm il-Fonti tal-Magħmudija. Hu faħħarhom talli dan kien miżmum tajjeb; imma żied ukoll li jkun aħjar jekk il-vaska tiegħu titgħatta b'xi ġild. Maġenb il-fonti, kien hemm ukoll is-Sakrarju: fejn jintafa' ilma mbierek li jkun diġà wżat. Dan kien fi stat tajjeb, kbir biżżejjed, u miżmum kif inhu xieraq.

Sagristija, Paramenti, Artali

Minn ħdejn il-Fonti, il-Viżitatur baqa' dieħel fis-Sagristija tal-Matriċi. Kienet kbira biżżejjed u fi stat tajjeb. Imma Mons. Libertano ordna li f'dik is-sagristija jitqiegħed Kurċifiss li jkun fiss fil-post. Hu osservalhom li jixraq li jkun hemm ix-xbieha ta' Kristu Msallab fil-post fejn is-saċerdoti kienu jitħejjew ħalli joħorġu għall-Quddiesa.

Skond ir-relazzjoni, il-paramenti sagri, mhux biss kienu jixirqu għall-użu tagħhom, imma kienu wkoll miżmumin tajjeb f'armadji li kienu jesgħu ħafna.

Mill-viżta, nafu wkoll lil min kienu ddedikati l-Artali tal-Matriċi. Il-Viżitatur żar l-Artal ta' l-Annunzjata li kien fuq il-lemin ta' l-Artal Maġġur. Minn hemm, hu għadda għall-Artal ta' Santa

www.gozocathedral.org.mt

Katarina li kien jiġi fuq ix-xellug tal-Maġġur. L-artali l-oħrajn kienu ddedikati lil Santa Luċija, u lit-Twelid tal-Verġni Marija.

Il-Knejjes l-oħra

Mons. Ascanio Libertano ħalla b'sens ta' sodisfazzjon il-Matriċi ta' l-Assunta. Imma, mingħajr l-ebda eċċezzjoni ta' xejn, hu ma kellu l-ebda tifħir għall-knejjes l-oħrajn kollha li żar. Hu lmenta kemm minn dawk il-Kappelel li kienu fil-Kastell stess kif ukoll mill-Knejjes kollha li kien hemm fir-Rabat.

Il-Viżitatur ħass li hu ma kellux għalfejn jinżel fl-irqaqat bħalma kien għamel fil-Matriċi. Għal San Ġorġ, hu jgħid ħaġa waħda partikulari. Dik il-Parroċċa kellha dħul ta' fuq il-mitejn skud fis-sena; għalhekk, Mons. Libertano ried jara l-kotba ta' l-amministrazzjoni. Il-knejjes bilkemm kien jixirqilhom li jibqgħu jiffunzjonaw bħala knejjes. Fihom kienu neqsin ħafna u ħafna bżonnijiet. Biex jibqgħu jagħmluha ta' knejjes, kien meħtieġ li jkun jixirqilhom iżjed. Barra minn hekk, it-traskuraġni kienet ukoll kbira. Donnu ġara li ftit kienu dawk li kienu qed jieħdu ħsiebhom. Bilkemm jitwemmen jekk ngħidu li dawk il-knejjes kienu qed jitħallew miftuħin anki matul il-lejl. Għalhekk, il-Viżitatur ordna li f'dawk il-knejjes ma kellux isir Quddies iżjed jekk huma ma jiġux imsewwijin u rranġati, u jekk ma tittehidx ftit kura tagħhom. Fost l-oħrajn, kien meħtieġ li matul il-lejl huma jiġu magħluqin (**Ibid.**, ff. 30-31).

Waqt li hu ċar ħafna li ma ngħatat l-ebda importanza lill-Knejjes tar-Rabat, ma nistgħux ngħidu b'ċertezza li l-Viżitatur ried jolqot bl-istess kundanna anki lill-Parroċċa ta' San Ġorġ u lil dawk li kienu f'idejn il-Patrijiet.

Din il-Viżta ta' ftit anqas minn 400 sena ilu terġa' tikkonferma li, aktar ma mmorru lura fiż-żmien, aħna nikkonfermaw li l-importanza ta' Għawdex kienet dejjem f'dik il-Knisja li kellha ssir l-ewwel Kolleġġjata tal-gżira, u mbagħad il-Katidral tad-djoċesi ta' Għawdex.

Qrara sewwa u Tqarbina tajba

fil-15 ta' Awissu

Huma

l-Isbah Rigal li nistghu noffru

Lill-Madonna

www.gozocathedral.org.mt

XBIEHA TAL-MADONNA MPINĠIJA minn S. LUQA fil-KATIDRAL T'GĦAWDEX

MONS. ARĊIPRIET CARMELO SCICLUNA

L-istorja fid-damma tagħha ġabret bosta tradizzjonijiet. X'uħud minnhom għandhom bażi dokumentata, iżda oħrajn huma mibnija fuq id-dimensjoni tad-devozzjonijiet popolari. Għalkemm it-tradizzjonijiet ta' l-ewwel huma ta' valur akbar għal dawk l-istudjużi ta' l-istorja li jridu jiktbu ġrajjiet il-bnedmin fuq kriterji xjentifiċi, madankollu t-tradizzjonijiet tat-tieni mhux ta' min jinjorahom u jwarrabhom fil-ġenb l-għaliex dawn għandhom ukoll il-valur tagħhom billi jixhdu t-tendenzi, il-ġibdiet, ix-xewqat u l-orjentament tal-poplu ta' dak iż-żmien li fihom ikunu nħolqu dawn it-tradizzjonijiet.

Għalina l-Maltin u l-Għawdxin wieħed mill-akbar eżempji ta' tradizzjoni dokumentata hija bla dubju ta' xejn it-tradizzjoni tal-miġja ta' l-Appostlu Missierna San Pawl fostna. Id-dokumentazzjoni ta' din il-ġrajja providenzjali nsibuha reġistrata fil-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli, wieħed mill-Kotba Mqaddsa. (1) Eżempju ta' tradizzjoni mibnija fuq bażi ta' devozzjoni popolari nsibuh fit-twemmin tal-poplu li kien iżomm lil San Luqa bħala pittur u li kull fejn kien sieħeb lil San Pawl fil-missjoni apostolika tiegħu, kien iħalli f'dawn l-ibliet u l-gżejjer xbiehat tal-Madonna mpinġija minnu.

SAN LUQA U L-POPLU TAGĦNA

Sa mill-ibgħad żmenijiet, il-poplu Malti u Għawdxi kien jemmen li San Luqa kien tabilħaqq pittur u li meta ġie Malta ħalla tliet xbihat tal-Madonna mpinġija minnu u waħda minnhom tinsab fil-knisja Matriċi ta' l-Assunta ta' Għawdex, li llum hija l-Knisja Katidrali. Difatti Tomaso Maurizio li kiteb il-ħajja ta' San Pawl bil-Latin, iżomm li San Luqa ħalla f'Malta u f'Għawdex dawn it-tliet xbihat tal-Madonna. Tajjeb hawnhekk niġbru fil-qosor x'kiteb dan l-awtur f'din il-bijografija ta' San Pawl sabiex insaħħu l-argument tagħna. Tomaso Maurizio kiteb hekk: "Wara xahrejn li l-Madonna ġiet imtella' fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, San Pawl, permezz ta' nawfraġju providenzjali, għammar għal tliet xhur sħaħ fil-gżejjer Maltin u miegħu kellu lil San Luqa li ħalla fihom tliet xbihat tal-Madonna, Omm minn t'Alla li għadhom ikkonservati b'venerazzjoni speċjali fost dan il-poplu sal-ġurnata tal-lum". (2)

IL-KAPUĊĊIN PELAGIO

Il-Patri Kapuċċin Pelagio Mifsud Piscopo jsemmi wkoll dan l-episodju fil-kitba storika tiegħu u dan iżomm li din mhix tradizzjoni leġġendarja, imma storja vera u ta' min jemminha. Tant huwa hekk li dan l-istoriku Kapuċċin ħalla bil-miktub li San Pawl waqqaf f'ġieħ l-Assunzjoni tal-Verġni Marija l-Knisja Mat-

1. San Luqa: Atti ta' l-Appostli 27, 16-28.
2. "Post duas circiter menses ab obitu Deiparae atque assumptione in coelum, ad insulam Melitam naufragus (S. Paulus) pervenisset, ibi post tres menses hyemando commoraret, et S. Luca suis in laboribus et quemvis comiti mandaret ut Augustissimae Virginis effigiem, quam alias e pictis tabulis excepisset, ad solatium indigenarum, qui in Christo credidisset coloribus cursus exprimeret. Paruit Magistro Lucas, ac tribus eiusmodi tabellis depicta Dei Matris Immagine reliquit Melitae: quae per totidem illius insulae regiones religiose asservari in hunc usque diem dicuntur..." (Tommaso Maruzio in Vita S. Pauli, lib. 14, cap. 7 A(rchivum) C(athedrale) M(elitense) ms. 55, f. 9 r-v.

www.bozzonehaug.mt

riċi Katidrali ta' Malta sakemm fis-sena 1100, il-qatt mirbuħ Konti Ruġġieru, 'il feriha għall-Imdina fejn ġiet mibnija din il-Knisja Katidrali mir-Rabat ittras-Knisja ġdida ddedikata lill-Appostlu San Pawl, iżda mingħajr ma tellef xejn mill-ġieħ u d-devozzjoni li kienet tgawdi l-Verġni Assunta. L-istess San Pawl, igħid-ilna dan il-Patri Kapuċċin, waqqaf f'ġieħ il-Verġni Mtella' s-Sema bir-ruħ u l-ġi-sem il-Knisja Matriċi t'Għawdex fejn hemm esposta għall-qima tal-fidili **Waħda mit-tliet xbihat tal-Madonna mpinġija minn San Luqa.** (3)

L-istess Patri Kapuċċin Pelagio f'dak li kiteb dwar dan is-suġġett, għamel riferenza għall-istoriku Abela li kien tal-kelma li **l-Knisja Matriċi ta' l-Assunta tal-Kastell u f'Għawdex kollu kienet il-parroċċa primarja u prinċipali ta' din il-gżira kollha,** (4) kif fil-fatt jirriżulta mill-eqdem dokumenti li għandna kkonservati f'xi wħud mill-arkivji Ekkleżjastiċi ta' Malta u ta' Għawdex bħalma huma dawk tal-Knisja Arċiveskovili u tal-Katidral ta' Malta. F'dawn id-dokumenti dejjem insibu biċ-ċar is-superjorità li kienet tgawdi din il-Matriċi fuq il-knejjes l-oħra kollha eżistenti fil-gżira t'Għawdex. (5)

Dan Pelagio janalizza dak li kiteb Abela dwar il-Knisja Katidrali t'Għawdex tal-lum u jagħti r-raġunijiet l-għaliex dak l-istoriku ħalla barra din it-tradizzjoni li f'din il-Knisja tinsab xbieha tal-Madonna mpinġija minn San Luqa. Patri Mifsud Piscopo jargumenta li l-istoriku Abela ma għamel l-ebda allużjoni għal din ix-xbieha tal-Madonna mpinġi-

Illum, għandna l-Kappillani magħqudin flimkien f'Kunsill bejniethom, u ġie li flimkien jagħtu xi struzzjonijiet lill-fidili. Għalkemm b'mod inqas organizzat, dan kien jeżisti anki fl-imgħoddi. Anki f'ittri bħal dawn, il-Parroċċi ta' Għawdex mhux dejjem riedu li jitħalltu ma' dawk ta' Malta. Nifhmu tajjeb li l-bżonnijiet tal-fidili f'dawn iż-żewġ gżejjer mhux dejjem kienu eżattament l-istess. F'ittri bħal dawk, meta l-Kappillani ta' Għawdex kienu jinfirdu minn ta' Malta, il-Kappillan tal-Matriċi ta' l-Assunta kien jitqies fl-ewwel post. Ma' dan inżidu li hu biss kien jissejjaħ bit-titlu tal-Parroċċa tiegħu. L-oħrajn kienu jissemmew miġburin flimkien. Il-kitba li għandna f'idejna, maqluba mil-Latin għall-Malti, tfisser hekk: "Ir-Reverendi Kappillani tal-Knisja Matriċi, u l-Kurati Parrokkjali l-oħrajn tal-belt u l-gżira ta' Għawdex" (C.E.M., R.A., 36 1541-1556, 12 ta' Sett. 1545, f. 202 r.)"

---

3. "Dal qui prenotato lice argomentare qualmente lo stesso S. Apostolo Paolo ... ad onore dell'Assunzione della S.ma Vergine al cielo ha fondato la Matrice Chiesa Cattedrale di Malta (quale titolo solo perseverò sino all'anno 1100, quando l'Invittissimo Signor Conte Ruggiero Normanno, trasferita dal Rabato in dentro città la detta Cattedrale ivi da pianta la rifabbricò sotto l'invocazione del S. Apostolo o comune Padre Paolo, senza avere per altro punto o poco derogato al primiero titolo) fondò ed eresse sotto il medesimo titolo dell'Assunta quest'altra Matrice Chiesa dell'Isola Gozo, con altresi' per consolazione ed alletativo delli Gozitani, **esposta alla publica loro venerazione una delle tre divisate immagini** quest'altra Parrocchia senza da essersi fondata in questa diocesi di Malta ... Che sono tre le immagini da S. Luca dipinte si conservono nella nostra diocesi lo dice il citato Padre Lancellotti, ed avanti di lui lo si attestarono l'Abate Rocco Cini nella sua **Sicilia Sacra** not. 7 della Chiesa di Malta, f. 588, ed il Padre Cornelio a Lapide, commen. in Actibus Apostolorum c. 28: A.C.M. ms. 55, f. 9v.
4. Tertia (imago) in Matrici Ecclesia Insulae Gaudisii, juxta Melitam depositatae magna incolarum veneratione ... Parlò egli (Abela) della Matrice Chiesa del Gozo ... ma soltanto di passaggio, dicendo: "Nell'Isola Gozo: Chiesa sotto l'Invocazione della B.ma V. Assunta, **Matrice di quell'a fortezza o castello, e di tutta l'Isola, di cui e' stata sempre primaria e principal parrocchia"**: del rimanente non fa parola alcuna. A.C.M., ms. 55, ff. 10r - 11r.
5. Bonnici Alexander O.F.M. Conv., **Il-Matriċi Kolleġġjata Ta' L-Assunta U l-Ewwel Parroċċi Ta' Għawdex,** 1975, p. 24: "Bla ebda dell ta' dubju, il-Kappillan tal-Matriċi kien l-ewwel wieħed fost l-erba' Kappillani tal-Parroċċi għallinqas sa mis-sena 1545: sitt snin qabel l-Assedju ta' Għawdex. Biex nuru l-importanza li kellu f'dak iż-żmien, hawn sejrin inġibu dokument wieħed ta' dik is-sena.

www.gozocathedral.org.mt

Xbieha tal-Madonna li skond it-tradizzjoni leġġendarja, hija mpinġija minn San Luqa

ja minn San Luqa li tinsab fil-Knisja Matriċi ta' l-Assunta 'l għaliex qabżitlu minn moħħu. Dan il-Patri jsostni wkoll li dan seta' ġara li Abela kien tant konvint minn din it-tradizzjoni b'mod li kieku għamel l-iċken riferenza għaliha kien jittimbraha bħala materja kontroversjali; dan juri biċ-ċar skond il-Kapuċċin Pelagio kemm hija awtentika l-asserzjoni li xbieha tal-Madonna mpinġija minn San Luqa tnsab fil-Knisja Matriċi ta' l-Assunta t'Għawdex. (6)

Patri Peagio fil-kitba storika tiegħu joffri r-raġunijiet tiegħu l-għaliex fi żmienu ma kinetx magħrufa biżżejjed. Fost ħwejjeġ oħra huwa jistqarr li forsi fl-attakk tat-Torok tas-sena 1551 ġiet moħbija minn xi ħadd, u dan ix-xiħadd waqa' lsir. Pargumenta wkoll li dan kien żmien meta l-gżira tat-tliet għoljiet żvojtat minn nies u naqset ferm mill-popolazzjoni u b'hekk ġara li l-Madonna ta' San Luqa meqjuma fil-Knisja Matriċi ta' l-Assunta ntesiet għal kollox.

SAN LUQA, IL-PITTUR TAL-MADONNA

San Luqa huwa l-awtur tat-tielet Vanġelu. Tassew li San Luqa kien pittur li pinġa bosta xbihat tal-Madonna? Din hija tradizzjoni leġġendarja u frott tad-devozzjoni popolari li sa minn dejjem kienet tħeġġeġ fil-qlub ta' l-antenati tagħna. Din it-tradizzjoni setgħet nibtet millfatt li San Luqa fil-Vanġelu tiegu pinġielna bil-kliem blaħjar mod minn fost l-erba' Evanġelisti min hi l-Verġni Marija. It-tagħrif dettaljat li offrielna dwar il-Verġni Marija jifforma tassew l-isbaħ kwadru għat-tagħlim tagħna nisrani li l-ebda pittur tad-dinja ma jista' qatt ifissru fuq it-tila bil-pinzell tiegħu.

"It-tradizzjoni li tpoġġi 'l San Luqa bħala pittur ma bdietx qabel il-ħames seklu. F'dak iż-żmien, l-imperatriċi Ewdossja bagħtet minn Ġerusalem għal Kostantinopli 'l Pulkerja xbieha tal-Madonna mpinġija minn San Luqa! Dawn ix-xbihat maż-żmien tkattru u xterdu. Kważi lkoll huma għandhom nisel biżantin. San Luqa sar ukoll quddiem Alla l-patrun ta' dawk li jingħataw għall-arti talpittura.........

Il-gżira tagħna ta' Malta ma hix anqas minn ħaddieħor lanqas f'din il-qima lejn il-Madonna impinġija minn San Luqa......... Fil-kitba tal-Vista Pastorali tal-Isqof ta' Malta Mikiel Balaguer, insibu fost l-oħrajn dokument im-

6. "O che gli sfuggi' dalla mente il soggiungere d'esser Ella apunto questa che si venera per titolo della Matrice del Gozo o supponendolo fuori da ogni contraversia, si ha creduto dovesse rimaner chicchesia appieno appagato della tradizione di questo popolo del Gozo, ed e' la maggiore e migliore pruova che autentica in nostro asserto". (A.C.M., ms. 55. ff. 10r - 11r).

portanti. Meta fiż-żjara li saret lill-knejjes tal-Mellieħa nkiteb fuq din ix-xbieħa (Il-Madonna tal-Mellieħa), naqraw dawn il-kelmiet: "Din ix-xbieħa tax-xbejba Mbierka ġiet impinġija fil-ħajt sa mis-sena 409". Dan juri li f'dak iż-żmien it-tradizzjoni li għandna llum kienet għadha ma bdietx". (7)

Għalkemm it-tradizzjoni li San Luqa matul iż-żmien tiegħu f'Malta pinġa tliet xbihat tal-Madonna u ħalla waħda minnhom fil-Knisja Matriċi ta' l-Assunta ta' Għawdex hija mibnija fuq id-devozzjoni popolari Marjana, iżda dan ir-rakkont leġġendarju għall-istudjużi ta' l-istorja ħoloq art l-aktar fertili fejn huma setgħu jinbbtu u jkabbru siġar msoqqijin bl-ilma fejjiedi tad-dokumenti li wrew f'perspettiva ċara l-importanza kbira li kienu jgawdu ċerti knejjes sa mill bidu tal-Era Kristjana f'dawn il-gżejjer. U dan ifisser li l-fatt li din it-tradizzjoni leġġendarja għaqqduha mal-Knisja Matriċi ta' l-Assunta t'Għawdex u mhux ma' knejjes oħra fil-gżira, jindika li fit-termometru ta' l-importanza ekklesjastika, il-Knisja Katidrali tal-lum kienet timmarka grad superjuri għall-parroċċi jew kappelli eżistenti f'pajjiżna sa mill-eqdem żmenijiet.

---

7. Alex Bonnici O.F.M.C. Storja Tal-Knisja: **Il-Knisja Ta' Żmien L-Appostli**, pp 80-81.

N.B. Ħajr lill-Patri Alex Bonniċi li ġabarli mill-Arkivju tal-Katidral ta' Malta t-tagħrif meħtieġ għal dan l-artiklu. l-Awtur.

Gozitans are proud of Victoria's Roman-Baroque citadel and of the Cathedral, a handsome sight from afar and a good place to begin an island tour. The ochre facade is approached via a large staircase flanked by two menacing bronze cannons, a legacy of the Knights. Built in 1697 on the site of a temple to Isthar, the Babylonian goddess of love and war, the Cathedral is well proportioned and particularly enchanting in moonlight. The ceiling is painted with a clever 'trompe l'oeil' to simulate a dome. We admired the marble floor, marked by the tombs of bishops and priests ensconced under pastel mosaics. The ornate decor is dominated by a huge statue of the Virgin Mary on a silver pedestal, her hands raised dramatically skyward. She is paraded around the streets every August 15, on the Day of the Assumption, the most important religious festival on the island and a major event in Gozo life.

PATTERSON Suzanne, 'Gourmet Holidays Gozo' in Gourmet (The Magazine of Good Living) June 1979 Vol. XXXIX No. 6.

www.gozocathedral.org.mt

FOR TRAVEL AND INSURANCE

CALL AT

JOHN PORTELLI ENTERPRISES

TRAVEL AGENTS — TOUR PLANNERS

Head Office: 7, IT-TOKK, VICTORIA. Tel. 556236/035.
Branch: 108, ST. JOHN STREET, VALLETTA. Tel. 627016

- AIR — RAIL — SEA TICKETS
- TRAVELLERS' CHEQUES — TRAVEL INSURANCE
- **HOTEL ACCOMMODATION — SEA CRUISES**
- INCLUSIVE TOURS TO U.K., FRANCE, ITALY, etc.

Ask for programmes and information:

WINDSOR TOURS
CANA TOURS
CIRCULAR TOURS
VIAGGI PAOLINI

CHEAP RAIL TICKETS IN ITALY

HEMPEL'S MARINE PAINTS (MALTA) LTD.

MANUFACTURERS OF

HIGH QUALITY

HOUSEHOLD, INDUSTRIAL AND
MARINE PAINTS

SUPPLIERS TO THE MALTA GOVERNMENT, LEADING INDUSTRIAL FIRMS & THE BUILDING INDUSTRY

28B, SOUTH STREET, VALLETTA.

Tel. Cen. 625911, 22215.

www.gozocathedral.org.mt

TOBACCONIST

J.C. MEJLACK ZAMMIT

Wines & Spirits Merchant

FRANCIS CARUANA

(TAL-BILLI)

TRIQ IR-REPUBLIKA, VITTORJA

fejn issibu kull kwalita' ta' Sanitary Fittings u Żebgħa
bi prezzijiet moderati

www.gozocathedral.org.mt

ĦAMSIN SENA ILU kien ġie ċċelebrat għall-ewwel darba f'Għawdex KUNGRESS EWKARISTIKU DJOĊESAN. Biex ġrajja daqstant kbira ma tgħaddix minsija, fl-aħħar ġimgħa ta' Settembru, ser jiġi ċċelebrat Kungress ieħor. L-ewwel Kungress, u kif inhu maħsub, anke t-tieni wieħed, kien ġie dikjarat miftuħ fil-Katidral ta' Għawdex. F'din il-kitba DUN JOE BEZZINA ser jagħti ħarsa lejn il-

IL-FTUĦ TAL-KUNGRESS EWKARISTIKU DJOĊESAN tal-1929 fil-KATIDRAL t'GĦAWDEX

Il-jum minn żmien twil mistenni wasal! It-13 ta' Ġunju, 1929, jibqa' miftakar minn dawk kollha li kellhom xorti jgħixuh. Dak inhar intweriet mhux biss il-fidi tal-Għawdxin f'Ġesù moħbi fl-Ewkaristiaj, iżda wkoll l-imħabba kbira li kienet tħeġġeġ f'qalb kulħadd lejn l-Isqfijiet tal-Knisja.

Il-Purċissjoni

Minn kmieni wara nofs inhar, it-triq li twassal mill-Palazz ta' l-Isqof, f'Corso Fortunato Mizzi (magħrufa aħjar bħala It-Tiġrija), sal-Katidral, bdiet tintela' bħal bajda, u sal-ħamsa, it-toroq, il-pjazez, it-twieqi, il-bjut u saħħansitra s-swar kienu mdewda bin-nies.

Fil-ħamsa u nofs sewwa, mill-Katidral bdiet nieżla purċissjoni lejn il-Palazz ta' l-Isqof. Ħadu sehem il-fratelli tal-fratellanzi tal-Belt Victoria, il-patrijiet u l-qassisin ta' Għawdex kollu, il-kanonċi tal-Kolleġġjati tax-Xagħra, tan-Nadur u tal-Għarb u l-Monsinjuri tal-Katidral. Ftit wara, "tra fittissime ale di numeroso popolo accorso da tutti i casali ed anche dall'isola Sorella," il-purċissjoni telgħet il-Katidral bis-sebgħa isqfijiet "al suono giulivo di tutte le campane delle Cniesa della Citta'."

Sadatant mill-Knisja ta' Savina telqet purċissjoni oħra. Kienet magħmula minn tfal magħżula minn kull raħal ta' Għawdex, ilkoll lebsin l-abjad u b'ġilju f'idejhom. Imxew fl-aħħar ħamest t'itfal subien lebsin l-uniformi tal-Paġġi żgħar ta' Ġesù Sagramentat, li ġarrew f'idejhom l-offerti tal-Kungress — qamħ, ostji żargun bl-għeneb, inċens u dawl.

L-Artal Maġġur tal-Katidral fl-okkażjoni ta' l-Espożizzjoni Solenni

www.gozocathedral.org.mt

Meta ż-żewġ purċissjonijiet waslu l-Katidral, is-seba' isqfijiet ħadu posthom fuq l-artal. Il-knisja kienet fgata bin-nies, u kif stqarr editur ta' ġurnal lokali, kienet xena li ma tintesa qatt: "Round the high altar were seated eight (sic) bishops, all from different parts of the Mediterranean, their ceremonial robes standing out sharply against a background composed of the Canons of Gozo and the members of the Cathedral of Malta. The altar itself was richly and tastefully decorated and the beautiful embroidery of the altar cloths was pleasingly set off by the artistically arranged sweet peas and other flowers".

Il-Ftuħ

Mons. Gonzi, "in un bellissimo e forbido discorso" beda billi rringrazzja lill dawk kollha li b'ħidmiethom għenu fit-twettiq ta' din il-ġrajja. Tkellem, imbagħad, fuq l-għaqda li eżistiet bejn dawn il-gżejjer u l-Knisja ta' Ruma sa mill-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżmu, u wera kemm ir-reliġjon nisranija u d-devozzjoni lejn l-Ewkaristija huma l-qofol tal-ħajja tal-Għawdxin.

Fit-tmiem, qara telegramm li kien ser jibgħat lill-Papa f'isem l-Għawdxin kollha. Talbu, fost kollox, ibierek ix-xogħol tal-Kungress u ferħlu f'egħluq il-ħamsin sena ta' Saċerdozju:

"Primo Congresso Eucaristico Diocesano di Gozo, onorato dalla presenza di Arcivescovo e Vescovi e di migliaia di fedeli, esultanti attorno Gesù Emmanuele inizio studi e trionfi eucaristici, invia Vostra Santita' filiali auguri Giubileo Sacerdotale, sensi indefettibile obbedienza, amore filiale; facendo voti Vostra lunga felice conservazione. Invoca speciale benedizione sulle persone e sui lavori".

L-ewwel parti taċ-ċerimonja tal-ftuħ intemmet billi nqrat l-ittra li s-Segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan, il-Kardinal Pietro Gasparri, bagħat f'isem il-Papa

Is-Sepulkru tal-Knisja Katidrali

www.gozodiocesi.org.mt

nhar il-31 ta' Mejju, 1929. Il-Papa Piju XI faħħar bi sħiħ l-ideja tal-Kungress Ewkaristiku, mezz tajjeb ħafna biex iħeġġeġ il-fidi lejn Ġesù, u wiegħed it-talb tiegħu ħalli l-effett mixtieq jintlaħaq.

L-Offerti tal-Kungress

Bdiet imbagħad it-tieni parti tal-lejla tal-ftuħ. Resqu fuq l-artal ħamest t'itfal bniet b'ġilju f'idejhom u ħames subien bl-offerti. Qegħdu l-ward u l-baċili talfidda fuq l-artal, tbaxxew wiċċhom fl-art u, fi djalogu mhejji apposta, taw l-offerti lill-Isqof.

L-ewwel kienu offruti il-qamħ, f'borża bajda u ħamra, l-ostji u ż-żarġun aħdar b'għanqud għeneb miegħu, simblu ta' l-offerta li kien għamel il-bidwi għawdxi biex jithejjew l-ostji u l-imbit għall-quddies tal-jiem tal-Kungress. Kif l-isqof bierek dawn ir-rigali, resaq tifel bl-inċens li kien jissimboliġġja l-opri tajba li għamlu l-Għawdxin kollha bi thejjija għall-Kungress. Fl-aħħar resaq tifel b' torċa mixgħula — simblu tal-qawwa u l-ħlewwa li kellha ssaltan f'qalb kulħadd b'effett tal-Kungress. Hekk kif bierek iddawl, l-Isqof xegħel għall-ewwel darba żewġ lampi fuq brazz ġdid tal-fidda li twaħħlu l-Katidral b'tifkira tal-Kungress.

Fit-tmiem, l-Isqof qara l-bukkett spiritwali li l-poplu Għawdxi kollu kien għamel fix-xhur ta' qabel il-Kungress, biex iċ-ċelebrazzjonijiet iħallu l-frott mixtieq. Iċ-ċerimonja ntemmet bil-kant tal-Veni Creator u l-ogħti tal-Barka Sagramentali.

Kif intemmet dik iċ-ċerimonja mpressjonanti — this most impressive ceremony — l-Isqfijiet ingħataw merħba kbira, "gli Sccelentissimi Vescovi sono stati fatti segno ad un applauso scosciante, incessante e mantenuto vivissimo, dalla folla che gremiva le vie e la Piazza Reale, e dalle persone sui balconi e sui terazzi delle case latistanti."

U hekk intemm l-ewwel jum tal-Kungress, jum li qatt ma jintesa, "destined to be a red-letter day in the annals of our island."

Din li għadek kemm qrajt hi silta mill-istorja ta' l-ewwel Kungress Ewkaristiku Djoċesan li Dun JOE BEZZINA għadu kif spiċċa jikteb. Għaldaqstant, tonqosx li taqra l-ġrajja sħiħa filktieb IL-KUNGRESS EWKARISTIKU DJOĊESAN TA' GĦAWDEX 1929 li ser joħroġ għall-bejgħ fi ftit ġranet oħra.

Inħeġġu lil Kulħadd
jieħu Interess Speċjali
fl-Attivitajiet Kollha li sa Jinżammu
mit-22 sat-30 ta' Settembru, 1979,
fl-Okkażjoni Sabiħa
tal-Kungress Ewkaristiku Djoċesan

www.gozocathedral.org.mt

GRAJJIET IMPORTANTI MATUL IS-SENA

6 - 8 - 78 :	xi familji tal-parroċċa żammew id-dar tagħhom, għal ġurnata, tifel jew tifla ta' xi wieħed mill-Istituti ta' l-iltiema t'Għawdex.
7 - 8 - 78 :	mota mewt għal ruħ il-Papa Pawlu VI li miet fis-6/8/78.
9 - 8 - 78 :	ġiet imtella' Mima Marjana miż-żgħażagħ u t-tfal tal-parroċċa. Produzzjoni ta' Dun Ġorġ Tabone u Anton Scicluna.
10 - 8 - 78 :	inżammet Lejla Kulturali bis-sehem tal-mużika, tal-kant u tal-qari ta' poeżiji dwar l-Assunzjoni tal-Verġni Marija.
11 - 8 - 78 :	pubblikazzjoni ta' l-Għid Ta' l-Assunta għat-tlettax-il darba.
13 - 8 - 78 :	tqassmu 'hampers' lil xi familji tal-parroċċa. Mons. Isqof Nikol Cauchi mexxa quddiesa konċelebrata flimkien mal-membri tal-Kapitlu u mas-saċerdoti tad-Djoċesi għal ruħ il-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu VI.
15 - 8 - 78 :	L-GĦID TA' L-ASSUNTA: kant tat-"Te Deum" bħala radd ta' ħajr 'l Alla f'egħluq it-tielet sena mill-Inkoronazzjoni tax-xbieha ta' l-Assunta meqjuma fil-kwadru titulari tal-Katidral.
26 - 8 - 78 :	inxtegħlet il-faċċata tal-Knisja u ndaqqet mota ta' ferħ ma' l-aħbar ta' l-għażla tal-Papa Ġovanni Pawlu I.
2 - 9 - 78 :	fl-Ave Marija mill-ġdid indaqqet mota ta' ferħ għall-ħatra tal-Kardinal Luciani bħala Vigarju ta' Kristu.
3 - 9 - 78 :	quddiesa ta' radd il-ħajr 'l Alla għall-għażla tal-Papa l-ġdid.
9 - 9 - 78 :	żar il-Katidral il-Kardinal Egidio Vagnozzi.
22 - 9 - 78 :	egħluq il-114 l-anniversarju minn meta l-Papa Piju IX waqqaf id-Djoċesi ta' Għawdex u għolla l-Knisja Matriċi għad-dinjità ta' Katidral. Tkanta 'Te Deum' b'radd ta' ħajr.
29 - 9 - 78 :	fl-10.00 a.m. indaqqet mota mewt għal ruħ il-Papa Ġovanni Pawlu I li miet fit-28/9/78.
30 - 9 - 78 :	fis-6.30 p.m. ġiet iċċelebrata l-quddiesa tal-Katekisti li fiha Mons. Arċipriet ta l-mandat lil dawn il-Katekisti li jgħallmu d-duttrina ta' Kristu lit-tfal.
1 - 10 - 78 :	saret il-purċissjoni devota tal-Madonna tar-Rużarju li għaliha attendew ħafna nies.

www.gozodiocese.org

8 - 10 - 78 : fid-9.15 a.m. Mons. Isqof Nikol Cauchi mexxa quddiesa konċelebrata flimkien mal-Kapitlu u għadd ta' saċerdoti mid-Djoċesi għal ruħ il-Papa Ġovanni Pawlu I.

11 - 10 - 78 : egħluq il-262 anniversarju mill-konsagrazzjoni tal-Knisja Katidrali. Saru l-funzjonijiet liturġiċi mmexxija minn Mons. Isqof.

Żar il-Katidral l-Isqof Thomas Zwartkmis ta' Haarlem, Olanda.

16 - 10 - 78 : inxtegħlet il-faċċata tal-knisja u ndaqqet mota ta' ferħ għall-ħatra tal-Papa l-ġdid Ġovanni Pawlu II.

21 - 10 - 78 : jum S. Ursula — waħda mill-qaddisin patruni tad-Djoċesi. Filgħaxija mexxa l-konċelebrazzjoni Mons. Isqof.

22 - 10 - 78 : tkanta 'Te Deum' fil-Konċelebrazzjoni Konventwali b'radd il-ħajr għall-ħatra tal-Papa l-ġdid. Inxtegħlet il-faċċata u ndaqqet mota ta' ferħ f'jum il-bidu tal-Pontifikat ta' Ġovanni Pawlu II.

24 - 10 - 78 : żar il-Katidral Isqof miċ-Ċili.

5 - 11 - 78 : infetħet il-Missjoni Djoċesana fis-Santwarju Ta' Pinu. Il-kommunità parrokkjali ħadet sehem fil-konċelebrazzjoni tal-ftuħ.

5-19 - 11 - 78 : saru konferenzi għall-kategoriji kollha tal-kommunità nisranija.

19 - 11 - 78 : egħluq il-Missjoni Djoċesana fil-Katidral. Iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika tmexxiet minn Mons. Isqof.

17 - 11 - 78 : sar il-quddies għall-erwieħ tal-Fratelli mejtin tas-Sodalità ta' Santa Marija.

3 - 12 - 78 : Patri Eġidju Mizzi OFMC, il-kwareżimalista tas-sena, beda l-priedki tiegħu fil-Ħdud ta' l-Avvent.

6 - 12 - 78 : saret konferenza għall-irġiel minn Mons. Isqof.

12 - 12 - 78 : 'Organ Recital' mill-organista Tedesk Wilhelm Krumbach.

16 - 12 - 78 : fetħet in-Novena Bibblika li kellha bħala tema ċentrali "Il-Messija Mħabbar minn Qabel". Matul in-Novena Mons. Arċipriet wera 'filmstrip' dwar il-ġrajja tat-twelid ta' Ġesù, fiċ-Ċentri tad-Duttrina.

21 - 12 - 78 : inqraw sunetti dwar il-Milied minn diversi membri tal-kommunità parrokkjali.

22 - 12 - 78 : pageant tal-Milied, kitba ta' Ġorġ Mercieca S.D.B., produzzjoni ta' Dun Ġorġ Tabone u Rita Sultana.

24 - 12 - 78 : egħluq tan-Novena Bibblika b'quddiesa konċelebrata minn Mons. Isqof.

Kant ta' Għanjiet tal-Milied mill-Kor tal-Katidral 'Maria Assunta'.

28 - 12 - 78 : il-kommunità parrokkjali offriet 'party' lix-xjuħ rikoverati fl-Isptar 'Craig'. Ħa sehem ukoll il-kor 'Maria Assunta' bil-kant ta' 'carols' biex joħloq fil-post atmosfera ferrieħa.

31 - 12 - 78 : funzjoni ta' egħluq is-Sena 1978: Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni u ntona t-'Te Deum' b'radd ta' ħajr 'l Alla.

3 - 1 - 79 : saret konferenza għall-irġiel minn Mons. Arċipriet Carmelo Mercieca.

7 - 1 - 79 : żaru l-Katidral l-Ambaxxatur tat-Turkija u s-Sinjura tiegħu.

www.gozocathedral.org.mt

21-28 - 1 - 79 : il-kor tal-Katidral 'Maria Assunta' ħa sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet speċjali li nżammu fil-Knisja ta' Savina biex ifakkru l-75 sena mit-twaqqif ta' l-Adorazzjoni Ewkaristika fl-istess knisja.

7 - 2 - 79 : saret konferenza minn Patri Anton Mompalao.

28 - 2 - 79 : tiftaħ mini-missjoni fost il-morda billi s-saċerdoti tal-Presbiterju Parrokkjali, matul il-ġranet tar-Randan, qaddsu fid-djar tal-morda, ippriedkawlhom u qarbnuhom.

3 - 3 - 79 : il-kommunità parrokkjali ħadet sehem fil-Via Crucis li saret fuq bażi djoċesana fuq l-għolja ta' Għammar.

6 - 3 - 79 : inżamm fl-Oratorju 'Don Bosco' JUM IL-ĠENITURI għat-tfal li jattendu ċ-ċentri tad-Duttrina fir-Rabat.

7 - 3 - 79 : saret konferenza għall-irġiel mill-Kappillan Dun Ġwann Cini.

16 - 3 - 79 : pellegrinaġġ penitenzjali mill-kommunità parrokkjali għas-Santwarju Ta' Pinu.

24 - 3 - 79 : tfal, żgħażagħ u miżżewġin ippreżentaw id-dramm tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù fit-Teatru 'Aurora'. Kitba ta' John Cremona, membru tal-kommunità parrokkjali.

25 - 3 - 79 : ftuħ ta' l-Eżerċizzi Spiritwali minn Fr. Louis Camilleri tal-Moviment ta' Kana.

29 - 3 - 79 : forum dwar l-abort taħt il-presidenza ta' Mons. Arċipriet Carmelo Scicluna. Ħadu sehem Fr. Louis Camilleri, konsulent morali, Dr. Eddie Rapa M.D., konsulent mediku u Dr. Alfred Grech LL.D., konsulent legali. Attendew ħafna nies.

4 - 4 - 79 : saret konferenza għall-irġiel minn Dun Rużar Borg.

5 - 4 - 79 : saret il-Via Matris mat-telgħa tal-Kastell.

6 - 4 - 79 : Mons. Arċipriet Carmelo Scicluna, Mons. Ġużeppi Gauci u Mons. Tumas Curmi ikkonċelebraw flimkien f'egħluq it-22 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tagħhom.

8-15 - 4 - 79 : funzjonijiet liturġiċi tmexxew minn Mons. Isqof fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa.

9 - 4 - 79 : saret il-Via Crucis mat-telgħa tal-Kastell.

10 - 4 - 79 : sar pellegrinaġġ penitenzjali mill-Knisja ta' San Ġużepp għall-Katidral.

11 - 4 - 79 : sar il-Qrar Kommunitarju f'Ċelebrazzjoni Penitenzjali.

13 - 4 - 79 : fil-5.30 p.m. ħarġet il-purċissjoni tal-Passjoni li fiha ħadu sehem diversi membri minn kull kategorija tal-kommunità parrokkjali.

15 - 4 - 79 : beda t-tberik tal-familji kollha tal-parroċċa mill-Arċipriet u s-Saċerdoti tal-Presbiterju Parrokkjali.

21 - 4 - 79 : ftuħ tal-Ġimgħa tal-Parroċċa. Inawgurazzjoni tal-Wirja dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Ħa sehem "The Boys Choir of Widford Lodge Prep. School" ta' l-Ingilterra f'quddiesa konċelebrata.

24 - 4 - 79 : festival tat-talenti tat-Tfal fil-'Ball Room' tat-Teatru "Aurora". Sar party għat-tfal kollha tal-parroċċa.

www.gozocatholicmedia.org.mt

25 - 4 - 79 :	inżamm "A Recital of Choral and Organ Music" minn "The Choir Boys of Widford Lodge Prep. School".
26 - 4 - 79 :	Mons. Arċipriet iltaqa' mal-ġenituri u t-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-kandidati tas-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof. Tqassim ta' 'hampers' lit-Tfal inkapaċitati fil-Belt Victoria.
28 - 4 - 79 :	ħarġa kulturali u rikreattiva għat-tfal tal-parroċċa. Għalqet il-Ġimgħa tal-Parroċċa b'Jum l-Arċipriet billi sar talb għalih u għas-saċerdoti kollha tal-Presbiterju Parrokkjali.
29 - 4 - 79 :	egħluq it-23 sena minn meta s-Soċjetà Filarmonika "Leone" irregalat l-istatwa ta' l-Assunta lill-Katidral. Il-Kappillan Dun Ġwann Cini fakkar din il-ġrajja.
1 - 5 - 79 :	saret konferenza għall-irġiel minn Mons. Ġużeppi Curmi.
2 - 5 - 79 :	bdew l-Erbgħat tal-Madonna b'funzjoni minn Mons. Isqof.
5 - 5 - 79 :	żar u qaddes fil-Katidral l-Isqof ta' Allahabat, Mons. Mudharta.
13 - 5 - 79 :	Mons. Arċipriet għamel żjara lill-ommijiet tas-saċerdoti tal-parroċċa u offrielhom rigal fl-okkażjoni ta' "JUM L-OMM".
14 - 5 - 79 :	Mons. Arċipriet iltaqa' mal-ġenituri u t-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina.
18 - 5 - 79 :	Mons. Isqof iltaqa' mal-ġenituri u t-tfal li kellhom jirċievu l-Griżma ta' l-Isqof.
20 - 5 - 79 :	ftuħ tal-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika b'quddiesa konċelebrata mmexxija minn Monsinjur Isqof.
23 - 5 - 79 :	saret l-Ewwel Tqarbina tat-tfal li din is-sena kienu 43.
24 - 5 - 79 :	ġie amministrat is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof lil 44 tifel u tifla.
26 - 5 - 79 :	saru sagħtejn adorazzjoni organizzati mill-Ispigolatriċi t'Għawdex.
27 - 5 - 79 :	egħluq il-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika b'purċissjoni Ewkaristika mat-triqat prinċipali tal-Belt Victoria.
3 - 6 - 79 :	fid-9.15 a.m. Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni li għaliha attendew il-membri tal-Għaqdiet fl-okkażjoni tas-Solennità Liturġika ta' l-Għid il-Ħamsin.
5 - 6 - 79 :	saret konferenza għall-irġiel minn Mons. Teol. Carmelo Bajada.
11 - 6 - 79 :	żar il-Katidral l-Assistent Kummissarju Għoli għall-Awstralja.
17 - 6 - 79 :	Mons. Isqof — wara quddiesa konċelebrata — mexxa purċissjoni Ewkaristika fl-okkażjoni tas-Solennità Liturġika tal-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Kristu.
29 - 7 - 79:	żar il-Knisja Katidrali l-Em.za Tiegħu l-Kardinal Sergio Pignedoli.

www.gozocathedral.org.mt

Kronaka tal-Parr

Saru Membri ġodda tal-Knisja bil-Magħmudija:-

Nru.	Data tal-Magħmudija	Isem tat-Tarbija	Isem u Kunjom il-Ġenituri
1.	20 - 8 - 78	Daniel	Sunny u Marija Vella
2.	20 - 8 - 78	Mariosa	Jane Callus
3.	2 - 9 - 78	Nicolette	Joe u Ċettina Camilleri
4.	2 - 9 - 78	Joanne	Anton u Carmelina Camilleri
5.	10 - 9 - 78	Mario	Vincent u Rita Camilleri
6.	13 - 9 - 78	Rachel	Anton u Marija Azzopardi
7.	17 - 9 - 78	Bianca-Maria	Gwido u Maria Vella
8.	24 - 9 - 78	Micheline	Joseph u Josephine Sultana
9.	27 - 9 - 78	Jennifer	Carmel u Maria Cardona
10.	30 - 9 - 78	Joseph	Paul u Anne Cauchi
11.	9 - 10 - 78	John-Paul	Mary-Lourdes Vella
12.	13 - 10 - 78	Mario	Joe u Antonia Cordina
13.	22 - 10 - 78	Ruth	Ludovico u Assunta Azzopardi
14.	22 - 10 - 78	Anabel-Marie	Sunny u Ċettina Gatt
15.	31 - 10 - 78	Simone	Felix u Lora Grech
16.	19 - 11 - 78	John	Lorenzo u Anna Camilleri
17.	29 - 11 - 78	Margie	Vincent u Ġuża Attard
18.	5 - 12 - 78	Mark	Anton u Maria-Rita Gauci
19.	24 - 12 - 78	Maria	Piju u Rita Borg
20.	25 - 12 - 78	Noel	Luigi u Pauline Vella
21.	1 - 1 - 79	Liliana	George u Antonia Zahra
22.	19 - 1 - 79	Shawn Pete	P. Paul u Doreen Azzopardi
23.	11 - 2 - 79	Marvin	Vincent u Helen Fenech
24.	21 - 2 - 79	Silvan-Mario	Santu u Frances Hili
25.	23 - 2 - 79	Johann Bosco	Carmel u Maria Grech
26.	4 - 3 - 79	Sara	Mario u Teresa Camilleri
27.	4 - 3 - 79	Josef-Karl	Emmanuel u Pauline Bajada
28.	12 - 3 - 79	Pauline	Pawlu u Saverina Sultana
29.	13 - 3 - 79	Jennifer	Ġorġ u Salvina Bezzina
30.	1 - 4 - 79	Roanna	Joe u Frances Refalo
31.	9 - 4 - 79	Rose-Mary	Silvio u Gracie Cefai
32.	14 - 4 - 79	Nicholas	John u Paula Zammit
33.	14 - 4 - 79	Maureen	Fredrick u Carmen Azzopardi
34.	7 - 5 - 79	Sharon	Joe u Ġertrude Bezzina
35.	18 - 5 - 79	Joseph-Paul	Ġorġ u Maria Mercieca
36.	18 - 5 - 79	Ronald	Joseph u Elizabeth Farrugia
37.	18 - 5 - 79	Irene	Joe u Maria Vella
38.	3 - 6 - 79	Christine-Maria	Vincent u Doreen Vella
39.	3 - 6 - 79	Lorna	Francis u Tessie Dimech
40.	17 - 6 - 79	Carol	Carmelo u Gracie Galea
41.	23 - 6 - 79	Mark	John u Pauline Schembri

www.gozocathedral.org.mt

rocca

1 ta' Awissu 1978

31 ta' Lulju 1979

42.	8 - 7 - 79	Malcolm Joseph	Joe u Carmen Mejlak
43.	8 - 7 - 79	Ġorġ	Domenic u Pauline Grech
44.	8 - 7 - 79	Joseph	Manwel u Maria Spiteri
45.	28 - 7 - 79	Mathew	Ronald u Jessie Borg
46.	29 - 7 - 79	Neville	Frank u Josephine Bajada
47.	29 - 7 - 79	Marika	Carmelo u Antida Grech
48.	29 - 7 - 79	Lewis	Spiru u Rose Gauci
49.	29 - 7 -79	Marvic	Victor u Rose Camilleri
50.	29 - 7 - 79	Romina	Victor u Connie Buttigieg

Lista tat-tfal subien u bniet li rċevew l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex fit-23 u fl-24 ta' Mejju, 1979, rispettivament.

L-Ewwel Tqarbina — Subien

1. Attard Mario
2. Attard John
3. Attard Giovanni
4. Buttigieg Mark Anthony
5. Camilleri Joseph
6. Camilleri Pierre
7. Cini Emanuel
8. Cutajar Joseph
9. Debrincat Michael
10. Grech Michael
11. Grech Anton
12. Grech Simon
13. Grech Oliver
14. Grech Anthony
15. Grech Antonello Mario
16. Hili David
17. Masini Jason
18. Mercieca Marlon
19. Mercieca Michael
20. Mercieca Toni
21. Mifsud Sammy
22. Portelli David
23. Scicluna Anthony
24. Spiteri George
25. Vella Joseph
26. Vella Saviour
27. Vella Gerald
28. Vella Charlie
29. Xerri Alex
30. Zahra Charles

Griżma ta' l-Isqof — Subien

1. Attard Joe
2. Attard Richard
3. Attard Ronnie
4. Azzopardi Terry
5. Borg Ino Mario
6. Calleja Charles
7. Calleja Paul
8. Camilleri Mario
9. Camilleri Joseph
10. Cassar Joseph
11. Curmi Lawrence
12. Dimech Paul
13. Grech Anton
14. Grech Saviour
15. Grech Mark
16. Haber Joseph
17. Masini Sam
18. Mercieca Anthony
19. Mercieca Joseph
20. Mifsud Simon Thaddeus
21. Pisani Mario
22. Portelli Paul
23. Saliba Silvio
24. Tabone Salvinu
25. Vella Joseph
26. Xerri Mario

www.gozocathedral.org.mt

L-Ewwel Tqarbina — Bniet

1. Bezzina Maria
2. Bezzina M. Anne
3. Camilleri M. Rose
4. Cassar Gracie
5. Cauchi Tania
6. Galea Joanne
7. Grima Josephine
8. Hili Maria
9. Hili Francelle
10. Muscat Claudia
11. Muscat Marlene
12. Zammit Sonia
13. Zammit Doreen
14. Zammit Doreen

Griżma ta' l-Isqof — Bniet

1. Camilleri Veronika
2. Cassar M. Rose
3. Caruana Josette
4. Cordina Connie
5. Farrugia Marcelle
6. Farrugia M. Anne
7. Galea Maria
8. Grech Joanne
9. Grech Anna Maria
10. Grech Cynthia
11. Hili Roberta
12. Mejlak Victoria
13. Mompalao Maria
14. Saliba Joyce
15. Vella Muskat Astrid
16. Sultana Josette
17. Tomlinson Carmen
18. Zammit Bibbiana
19. Pace Carmen

Dawk li f'din is-sena daħlu jissaffew fil-Purgatorju:

Awissu:	Francesco Farrugia, Rosa Refalo.
Settembru:	Maria - Rosa Dimech.
Ottubru:	Fmmanuel Mercieca, Joseph Vella.
Novembru:	Maria - Antonia Zammit, Joseph Bugeja, Maria Pavia, Joseph Mercieca, M'Angelus Spiteri, Mariano Mizzi.
Diċembru:	Ġorġ Mercieca, Giovanni Vella, Antonio Mercieca, Joseph Camilleri, Annunzjata Bugeja, M'Angelo Borg, Maria Attard, Rita Bonnici.
Jannar:	Carmela Grech, Ġorġ Debattista, Vincenzo Cauchi, (l-ewwel rettur tal-Fratellanza ta' Santa Marija).
Marzu:	Nicola Tabone, Giuseppe Spiteri, Dolora Saliba, Maria-Rosa Cauchi.
April:	Carmelo Dimech, Maria - Anna Farrugia, Rita Vella, Cecilia Cauchi.
Mejju:	Vincenza Grech, Antonio Vella.
Ġunju:	M'Anġlu Cauchi.
Lulju:	Kav. Agostino Camilleri P.E.P.

Dawk li daħlu għall-prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied bis-Sagrament taż-żwieġ:

Awissu:	Joseph Camilleri u Grazia Calleja.
Settembru:	Emanuel Vella u Maria Abela; Nicolaus Grech u Spiridiona Vella; Giovanni Sultana u Maria-Vitoria Mizzi.
Ottubru:	Victor Galea u Maria Galea.
Diċembru:	Ewkaristiku Mizzi u Doris Debattista; Alfred Camilleri u Ġorġa-Rita Vella.
Frar:	Peter Saliba u Doris Attard.
Marzu:	Joseph Zerafa u Anna Saliba; Joe Abela B. Pharm. u Vivienne Bezzina.
April:	Emanuel Zerafa u Gracie Dimech.
Ġunju:	Anton Caruana u Anna Abela; Salvinu Grech u M'Assunta Cauchi.
Lulju:	Charles Portelli u Maria Assunta Scerri:

www.gozocathedral.org.mt

IL-MUZEW TAL-KATIDRAL SA JIFTAH

Għaddew is-snin biex il-ħolma ta' Mużew fil-Katidral t'Għawdex setgħet issir realtà. Fil-moħħ ta' l-istess antenati tagħna kien ilu jberren il-ħsieb li l-Katidral t'Għawdex ikollu mużew fejn jistgħu jiġu kkonservati u mħarsa oġġetti qodma qabel is-sikka taż-żmien tħarbex ir-radda tat-temma fuqhom jew qabel l-idejn ta' min hu nieqes mill-kultura jixħithom fil-landa ta' l-iskart. Illum, nistgħu ngħidu li l-ideja ta' Mużew fil-Katidral ma baqgħetx magħluqa fil-fosdqa ta' l-embrojiżmu, imma żviluppat b'mod li laħqet il-maturità tagħha għax dan il-Mużew illum ma jeżistix biss fl-imħuħ, fil-qlub u fuq il-pjanti ta' l-arkitetti, imma huwa wkoll binja li jiġbor fih ħafna esebiti ta' nteress partikulari.

TQASSIM U ESIBITI

Dan il-Mużew fih tliet swali ta' kobor imdaqqas, waħda fuq l-oħra u tista' tidħol għalih kemm minn Triq Fosse u tiġi fis-Sala tat-tieni sular, jew minn wara l-kor u tiġi fis-sala ta' l-ewwel sular.

L-esebiti ta' dan il-Mużew huma ta' natura varja għax jiġbor fih oġġetti tad-deheb, tal-fidda, tar-ram, tal-bronż, ta' l-injam, tal-ġebel, tat-tila u tad-drapp.

Fl-ewwel sular sa jitqiegħdu l-oġġetti tal-fidda bħalma huma gandlieri, lampieri, gwarniċi, vintartali, kalċijiet u pissidijiet. Għal din ir-raġuni, il-vitrejjen ta' din is-sala għandhom sfond sewdieni biex l-oġġetti tal-fidda aktar jirkaċjaw u jidhru aħjar minn min ikun qed jarahom. F'din is-sala wieħed ikun jista' jammira l-atmosfera armonjuża li ħoloq id-disinjatur ta' dan il-Mużew.

Fis-sala tas-sular tan-nofs, sa jiġu esebiti paramenti sagri antiki u xi oġġetti ta' l-injam u l-ħadid, bħalma hija l-parilja li kienet iġġorr lill-Isqof fil-qedem, qabel ma kien hawn il-karozzi, mill-

www.gozocathedral.org.mt

palazz tiegħu għall-Knisja Katidrali. F'din is-sala, insibu wkoll artal antik tal-ġebel li kien fl-ewwel kappella ta' Santa Dminka. Din is-sala hi miksija b'asbestos ta' lewn kannella ċar u fit-taqsim tagħha fiha tassew dehra li tpaxxi l-għajnejn.

Fis-sala tat-tielet sular, li hija wkoll dekorata bl-asbestos u bil-purtieri tal-'fibre-glass', se tkun iddedikata għall-kwadri ta' pittura antika. Għalhekk, f'din is-sala, se jitqiegħed il-polittiku, jew aħjar is-seba' kwadri li flimkien kienu jiffurmaw il-kwadru titulari tal-Knisja l-antika qabel ma ġġarfet fis-sena 1693.

Annessa ma' din is-sala, jinsab ukoll l-arkivju tal-Knisja Katidrali li żgur se jiġbor fih x'uħud mill-eqdem dokumenti ekkleżjastiċi li nsibu fi gżiritna. Għal dan l-arkivju, inħadmet 'furniture' ġdida u preċiżament għal dan l-iskop, għand Bezzina Bros. tal-Marsa, Malta. Dan l-arkivju ġie ikkatoligat b'mod xjentifiku bis-saħħa ta' Dr. Godfrey Wettinger, li huwa espert f'dan il-qasam u 'l quddiem dan l-arkivju żgur li jkun ta' utilità kbira għall-istudjużi ta' l-istorja ekkleżjastika ta' gżiritna.

OPRA INTELLIĠENTI

Il-Mużew tal-Katidral huwa tabilħaqq opra frott ta' moħħ intelliġenti. Din mhix opra mejta jew statika, imma dinamika, il-għaliex fiha għandha potenzjalità effiċjenti li taħdem fuq l-intelliġenza ta' dawk il-persuni li jiġu jżuru dan il-Mużew. Kull Mużew tad-dinja fih mistur ġabra nteressanti ta' tagħrif storiku tal-pajjiż fejn ikun. U l-Mużew tal-Katidral fil-limitazzjoni tiegħu, ma huwiex nieqes minn din il-karatteristika, il-għaliex il-viżitaturi kollha ta' dan il-Mużew għandhom x'jitgħallmu minnu dwar l-istorja ekkleżjastika ta' art twelidna. Fuq kollox, dan il-Mużew tal-Katidral, se jkun ukoll kontribut, għalkemm ċkejken, biex jikber il-wirt kulturali f'pajjiżna.

It-twaqqif ta' dan il-Mużew huwa xhieda ħajja li flus minfuqin biex tkabbar l-edukazzjoni tal-poplu, isawru l-aħjar investiment bankarju li jista' qatt jagħmel il-bniedem.

Dan il-Mużew tal-Katidral għandu jservi bħala mezz l-aktar siewi fil-proċess ta' l-edukazzjoni u tal-kultura ta' l-Għawdxin.

Kwadru tal-Madonna Mpinġi fuq ir-ram li se jiġi muri fil-Mużew

www.gozocathedral.org.mt

DATI FL-ISTORJA TAL-MUZEW TAL-KATIDRAL

9 - 2 - 1979:	adunanza kapitolari fejn ġie deċiż li jinbena l-Mużew.
14 - 2 - 1969:	laqgħa mal-perit Dimech, fil-preżenza ta' Mons. Scicluna u Mons. G.B. Gauci, biex isir studju ta' thejjija għall-pjanta.
3 - 3 - 1969:	laqgħa mal-perit Dimech, fil-Katidral, biex naraw il-pjanta tal-mużew; kienu preżenti Mons. Isqof, Mons. Scicluna, Mons. Borg, Mons. Frendo, Mons. G.B. Gauci u Dun Ġużepp Gauci. Il-Monsinjuri msemmija kienu l-kummissjoni maħtura għall-mużew.
10 - 3 - 1969:	Mons. Scicluna u Mons. Gauci jiltaqgħu mal-perit Dimech fl-uffiċċju tiegħu.
12 - 3 - 1969:	il-kummissjoni kapitolari tiltaqa' mal-perit Dimech fil-Katidral.
20 - 5 - 1969:	il-kummissjoni tiltaqa' ma' Carlo Vella, il-bennej.
29 - 5 - 1969:	il-kummissjoni tiltaqa' mal-perit Dimech fil-Katidral.
28 - 3 - 1970:	Mons. Scicluna u Mons. Gauci jiltaqgħu mas-Sur F.X. Mallia, Direttur tal-Mużew Nazzjonali.
13 - 5 - 1970:	laqgħa oħra bejn il-Monsinjuri Scicluna u Gauci mas-Sur Mallia.
10 - 6 - 1970:	membri tal-kummissjoni kapitolari jiltaqgħu fil-Katidral mas-Sur Mallia u l-perit Dimech.
1 - 7 - 1970:	laqgħa tal-kummissjoni mas-Sur Mallia fil-Katidral.
19 - 9 - 1970:	il-kummissjoni tiltaqa' mal-perit Dimech dwar il-pjanta.
2 - 11 - 1970:	il-bennej Carlo Vella beda jneħħi xi bini antik fejn ser jitla' l-Mużew.
4 - 11 - 1970:	xi membri tal-kummissjoni jiltaqgħu mas-Sur Mallia.
25 - 5 - 1971:	Mons. Scicluna u Mons. Gauci jiltaqgħu mas-Sur Mallia fil-Mużew Nazzjonali ta' Malta.
23 - 8 - 1971:	beda x-xogħol tal-bini tal-Mużew.
17 - 9 - 1971:	Mons. Scicluna u Mons. Gauci jiltaqgħu ma' Dr. Godfrey Wettinger biex isir studju ta' arranġament tal-arkivju.
28 - 9 - 1971:	is-Sur Mallia u l-bennej jiltaqgħu flimkien dwar il-pjanta.

www.gozocathedral.org.mt

30 - 11 - 1971: qiegħed jitkompla x-xogħol tal-bini tal-mużew.

28 - 12 - 1971: ix-xogħol tal-bini kompla miexi b'ritmu tajjeb ħafna.

19 - 2 - 1972: ix-xogħol tal-bennej qiegħed joqrob lejn it-tmiem.

8 - 3 - 1972: il-perit Dimech żar il-mużew minħabba s-saqaf tas-sular ta' fuq.

20 - 9 - 1972: Mons. Gauci jiltaqa' mal-perit u mal-bennej.

Novembru 1972: ix-xogħol tal-bennej intemm kompletament.

27 - 1 - 1973: il-kummissjoni kapitolari tiltaqa' mas-Sur C. Grech u mas-Sur A. Mompalao minħabba d-dawl elettriku fil-Mużew.

2 - 4 - 1973: jibda x-xogħol tal-bajjad.

25 - 9 - 1973: Mons. Gauci u Mons. Scicluna marru Malta minħabba l-vetrini.

3 - 10 - 1973: qiegħed isir id-dawl elettriku mid-ditta Mompalao.

4 - 2 - 1974: il-kummissjoni tiltaqa' ma' Ġorġ Farrugia, mastrudaxxa.

9 - 2 - 1974: ix-xogħol tal-bajjad qiegħed jitkompla. Il-mastrudaxxa Francesco Azzopardi poġġa parti mix-xogħol tiegħu.

Marzu 1974: ix-xogħol tal-bajjad wieqaf minħabba n-nuqqas ta' madum.

1 - 7 - 1974: Il-vetrini qed jinħadmu mid-Dolphin Forge tal-Marsa. beda x-xogħol tal-għerik tal-madum mid-ditta Farrugia Ellis.

22 - 9 - 1974: il-mastrudaxxa Joseph Refalo qed ipoġġi parti mix-xogħol ta' dekorazzjoni fil-mużew.

5 - 10 - 1974: tkompla x-xogħol mill-bajjad Ġorġ Bugeja, mill-mastrudaxxi Francesco Azzopardi u Ġorġ Farrugia; id-ditta Farrugia Ellis qed thejji t-taraġ ta' rħam.

15 - 11 - 1974: id-ditta Farrugia Ellis lestiet it-taraġ ta' rħam.

3 - 1 - 1976: ġie minn Malta s-Sur Joseph Farrugia tad-Dolphin Forge minħabba x-xogħol tal-vetrini.

6 - 2 - 1976: ix-xogħol kollu tal-mastrudaxxa qiegħed jitkompla minn Ġorġ Farrugia mill-Belt Victoria. Ix-xogħol tad-dekorazzjoni huwa taħt it-treġija tas-Sur Carmelo Grech Attard, Surmast ta' l-Arti fl-Iskola Sekondarja tas-Subien, Victoria, Nistgħu ngħidu li d-dekorazzjoni ta' dan il-Mużew hija sabiħa tassew, kapolavur kemm tad-disinjatur innifsu kif ukoll tal-mastrudaxxa li esegwixxa d-disinn. Meta wieħed iżur il-Mużew, żgur li jibqa' sodisfatt ħafna bil-mod artistiku li bih ġie ddekorat.

www.gozocathedral.org.mt

WIRJA DWAR ID-DRITTIJIET TAT-TFAL

Mis-Sibt, 21 ta' April, sal-Ħadd 29 ta' April, f'żewġ swali tal-Mużew tal-Katidral, inżammet Wirja dwar Id-Drittijiet tat-Tfal fl-okkażjoni tas-Sena Internazzjonali tat-Tfal. Din il-Wirja ġiet inawgurata mis-Sur Joe Debono, Education Officer għal Għawdex u ġiet imbierka minn Mons. Isqof Nikol Cauchi.

Qabel il-ftuħ uffiċċjali ta' din il-Wirja, Mons. Arċipriet Carmelo Scicluna, f'diskors qasir taċ-ċirkustanza, qal li din il-Wirja ġiet ikkonċentrata fuq (a) id-Dritt għall-ħajja; (b) id-Dritt għall-edukazzjoni intellettwali; (c) id-Dritt għall-edukazzjoni reliġjuża; (d) id-Dritt għall-edukazzjoni ċivika u (e) id-Dritt għax-xogħol. "Fuq kollox" issokta jgħid Mons. Arċipriet, "din il-Wirja offriet opportunità l-aktar sabiħa biex it-tfal tal-parroċċa ħaddmu t-talenti tagħhom u wkoll biex il-ġenituri tagħhom jimpenjaw irwieħhom ħalli jħarsu dawn id-drittijiet ta' wliedhom u qatt ma jaħarbu mir-responsabiltà ta' dan id-dover gravi tagħhom".

Iċ-ċerimonja tal-ftuħ u tat-tberik tal-Wirja

Din il-Wirja kienet tikkonsisti f'ħafna posters u xogħlijiet li taw indikazzjoni ċara sa fejn tista' tasal l-intelliġenza tat-tfal meta dawn huma mgħejjuna mill-ġenituri u minn dawk li jgħallmuhom biex jiżviluppaw it-talenti tagħhom. Il-livell ta' din il-Wirja laħaq tabilħaqq grad sodisfaċenti. Minn tfal ta' taħt it-tnax-il sena, wieħed ma kienx jistenna dak kollu li waslu għalih dawn it-tfal. Il-'projects' li nħadmu mit-tfal għal din il-Wirja u li lkoll kienu aċċentwati fuq id-drittijiet imsemmija, urew li dawn it-tfal kellhom jagħmlu ċerti riċerki biex waslu għall-kompożizzjoni tagħhom.

It-tfal subien u bniet ta' l-Iskola Primarja tal-Gvern tar-Rabat, Għawdex, kienu fost dawk li żaru din il-Wirja bil-permess ġentili ta' l-Onor. Ministru ta' l-Edukazzjoni, Dr. Philip Muscat.

Ir-Rettur tas-Seminarju t'Għawdex, Fr. Charles Caruana S.J., ippermetta wkoll bil-qalb kollha biex it-tfal tal-'lower forms' ta' din l-Iskola Sekondarja jagħmlu żjara lil din il-Wirja l-għaliex huwa konvint li l-formazzjoni tal-karattru tat-tfal ma tinbeniex biss bejn l-erba' ħitan tal-klassi, imma wkoll billi jinħoloq spirtu ta' inizjattiva b'dak li jaraw barra mill-iskola u fuq kollox minn tfal bħalhom.

Għat-tfal kollha li żaruha u ammirawha, din il-wirja kienet ta' inċentiv kbir, kemm għal dawk li ħadu sehem fiha hekk li darba oħra huma jagħtu kontribut akbar, u kemm ukoll għal dawk li ma ħadux biex, f'okkażjoni simili, ikunu minn ta' quddiem nett li joffru l-parteċipazzjoni tagħhom.

Dun Ġorġ Tabone flimkien mas-Seminaristi tal-parroċċa kienu nkarigati mis-'setting' u mit-tfassil ta' din il-wirja. Anki s-Sorijiet u xi tfajliet għenu mhux ftit biex din il-wirja setgħet tirnexxi u tkun tabilħaqq suċċess.

MESSAĠĠ TA' L-ARĊIPRIET LIT-TFAL

Għeżież Tfal,

Fl-okkażjoni tal-festa titulari tal-parroċċa tagħna, Santa Marija, li hija wkoll padruna speċjali tal-gżejjer Maltin, nixtieq f'din is-Sena Internazzjonali tat-Tfal, inwasslilkom dan il-messaġġ:

Żommu lil Ġesù, l-Iben tal-Madonna, bħala:

- **Ħabib** sinċier li qatt ma jidħak bikom;
- **Mexxej** li tabilħaqq iridilkom il-ġid;
- **Gwida** li jmexxikom fuq it-triq tas-sewwa;
- **Ragħaj** li jieħu ħsiebkom bl-aħjar mod;
- **Mudell** li fuqu tfasslu ħajjitkom;
- **Benefattur** li bħalu qatt ma jkollkom;
- **Imgħallem** li joffrilkom l-aħjar tagħlim;
- **Tabib** li jagħtikom b'xejn l-aqwa mediċini ta' fejqan.

Jalla tħarsu lejn Ġesù b'dan il-mod, il-għaliex żgur li 'l quddiem tkunu ċittadini li tagħmlu ġieħ lill-Poplu t'Alla u lil art twelidkom.

Il-Barka t'Alla tinżel fuqkom ilkoll.

Mons. Carmelo Scicluna,
Arċipriet.

www.gozocathedral.org.mt

ID-DITTA

A. F. ELLIS LTD.

B'40 SENA ESPERJENZA
FIL-MANIFATTURA TA' KULL
XORTA TA' MADUM
TA' PRIMA KWALITA'
THABBAR LI SER TESPANDI
L-IMPJANT TAGHHA
B'MAKKINARJU ĠDID
LI JOHROĠ IL-MADUM ILLUSTRAT

MADUM DEJJEM AHJAR U ISBAH
BLA DEWMIEN
PREZZIJIET MODERATI

HEAD OFFICE:
4, GHAJN QATET STREET, VICTORIA.
Tel.: 556021.

T O N Y ' S S T O R E

JEW AHJAR

IL-MEKKA TA' L-GHAWDXIN
JOFFRI L-ORHOS PREZZIJIET FUQ
KULL MA GHANDEK BŻONN FID-DAR
Tixtrix qabel tara l-assortiment taghna ta'
FRIDGES – COOKERS
WASHING MACHINES – LINEF
U MITT ELF HAĠA OHRA TA'
HTIEĠA JEW LUSSU GHAD-DAR
ISSIBNA MALAJR GHAX FIS-SAQAJN

25, IT-TOKK, RABAT — GHAWDEX.
Ċempel: 556629.

www.gozocathedral.org.mt

TEKNICO LIMITED

BUILDING SERVICES,

CONSULTING ENGINEERS

Panta House,

Valley Rd.,

Msida, Malta.

Tel: 41361.

www.gozocathedral.org.mt

L-OPRA TAL-ANGLI TAL-BRONZ

Fil-15 ta' Awissu, 1975, ix-xbieha tal-Verġni Marija Assunta fil-kwadru titulari tal-Knisja Katidrali, ġiet inkurunata mill-Em.za Tiegħu l-Kardinal Franco Seper, Prefett tas-Sagra Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi.

Kien xieraq għalhekk li dan il-kwadru, li jġib ix-xbieha tal-Assunzjoni ta' Marija, jiġi mżejjen u ornat b'mod li jkabbar id-devozzjoni lejn l-Omm tagħna tas-Sema li l-Konċilju Vatikan II sejħilha "Membru Ewlieni tal-Knisja".

Dawn huma ż-żewġ anġli tal-bronż li twaħħlu madwar il-kwadru titulari

www.gozocathedral.org.mt

L-Ewwel Talba Formali

L-ewwel talba formali għall-eżekuzzjoni ta' din l-opra artistika saret fl-4 ta' April 1977. Qabel dan iż-żmien kienu saru xi tentattivi oħra għal dawn l-anġli, pero' dawn it-tentattivi fallew. Wara dan, sar it-tieni tentattiv li rnexxa: ġiet mressqa talba lill-Kommendatur Paolo Pace u dan ġie nkarigat biex ikellem lill-Professur Carlo Pisi dwar dawn iż-żewġ "putti" iżommu f'idejhom brazz bi tliet lampi. Id-disinn ta' dawn l-anġli, li huwa tas-Sur Toni Saliba, ġie mibgħut lill-Prof. Pisi ma' l-ewwel talba li saret. F'din it-talba, l-inkarigat ġie marbut b'ċerti kundizzjonijiet li fi proġetti bħal dawn ma jistgħux jonqsu. Ir-risposta għal din it-talba ġiet mibgħuta fid-9 ta' April 1977 u kien hemm assikurazzjoni li l-opra tkun lesta sa Santa Marija tas-Sena 1977.

Aktar Dettalji Storiċi

Permezz ta' skrittura privata sar il-ftehim dwar dawn l-anġli bejn iż-żewġ partijiet. Sadattant, b'ittra tal-25 ta' Lulju 1977, l-inkarigati minn din l-opra ġew mgħarrfin li ma kienx possibli li l-anġli jkunu lesti sal-festa ta' Santa Marija, pero' fl-istess ittra wasal ukoll ritratt ta' dawn l-anġli li kien għadhom tat-tafal. Dan ir-ritratt ġie muri lil diversi, fosthom anki nies kompetenti li jagħtu parir fil-materja u jgħinu bl-osservazzjonijiet tagħhom. Kien wara dan li fis-7 ta' Novembru 1977 marret delegazzjoni lejn Ruma biex tara f'liema fażi waslet l-opra tal-anġli: kienet mawra providenzjali l-għaliex id-delegazzjoni setgħet tifhem b' mod ċar u dirett x'inhu l-iskop ta' din l-opra, u ġew mgħotija informazzjonijiet oħra lill-Prof. Pisi ħalli hekk l-opra setgħet tirnexxi aktar. Difatti, sal-Ħamis 10 ta' Novembru, il-Professur Pisi, li kien aċċetta s-suġġerimenti tad-delegazzjoni, addatta kambjamenti fuq l-anġli skond ma xtaqet id-delegazzjoni, li miegħu kellha kuntatt jumejn qabel. Ix-xogħol ta' din id-delegazzjoni kien indispensabbli; kienu l-istess delegati li fissru lill-artista li l-anġli għandu jkollhom ċerta pożizzjoni in konnessjoni mal-kwadru titulari ħalli hekk il-kumpless kollu jkun intonat. Kien wara din iż-żjara tad-delegazzjoni għand Prof. Pisi li s-Sur Pace, fit-13 ta' Diċembru 1977 kiteb: "Il Prof. Pisi ha fatto altre modifiche nella direzione dello sguardo degli angeli diretto verso la Vergine Assunta". Jumejn wara, jiġifieri fil-15 ta' diċembru, s-Sur Pace permezz ta' ittra oħra għarraf lill-inkarigati mill-ġdid: "Faro' delle fotografie, quale conferma delle modifiche desiderate e qualche cosa di piu' come Arte". U minkejja dan kollu li sar biex din l-opra tkun lesta sa Santa Marija tas-sena 1977, b'dispjaċir tagħna anqas sa Santa Marija tal-1978 ma kienet lesta. Wara li għaddew xhur mill-festa ta' l-Assunzjoni, b'ittra li ġġib id-data ta' l-20 Ottubru 1978, l-inkarigati rċevew din l-informazzjoni: "La presente per informarvi che gli angeli sono in via d'ultimazione ed a fine mese saranno pronti per l'esportazione".

Il-Fonderija tal-Bronż

Il-fonderija tal-bronż fejn inħadmu dawn l-anġli hija dik ta' "FRATELLI DA PRATO" ta' Pietra Santa, fl-Italja. Din il-fonderija ġiet mitluba biex tieħu l-inkarigu tal-opra ta' l-anġli fit-8 ta' April 1978: b'ittra tad-data 12 ta' April 1978, il-fonderija aċċettat ix-xogħol ta' l-anġli.

L-anġli ġew mgħobbijin fuq il-vapur "Żejtun" tas-Sea Malta Company Ltd. f' Novembru 1978 u waslu Malta fil-15 ta' Diċembru tal-istess sena. Il-vapur kien telaq minn Livorno lejn Malta u kienet il-kumpanija 'Angiolo Simoncini' (Shipping and Forwarding Agents) li ħadet ħsieb l-espedizzjoni ta' dawn iż-żewġ anġli tal-bronż minn Livorno. It-Tlieta, 16 ta' Diċembru 1978, l-anġli ġew irtirati mid-dwana u l-għada waslu Għawdex. Fil-21 ta' Diċembru, 1978, l-anġli ġew imdendlin f' posthom.

Min hu Carlo Pisi

Il-Professur Carlo Pisi huwa artista ta' fama mondjali. Ir-"reportoire" artistiku tiegħu mhuwiex limitat għaċ-ċirku ta'

l-Italja biss. Bosta huma l-pajjiżi tad-dinja li jgawdu xi opri li ħarġu mill-idejn artistiċi ta' Carlo Pisi. Dan l-aħħar "La Casa Editrice Rizzoli" ta' Milan ħabbret li sa tippublika opra f'erba' volumi bl-isem ta "Santi e Santuari" taħt id-direzzjoni ta' Silvio Bertoldi. L-ewwel volum diġa' jinsab fl-idejn u kemm fil-kopertina ta' quddiem kif ukoll fil-frontispizzju intern tiegħu hemm illustrati xogħlijiet artistiċi tal-Professur Carlo Pisi. Fil-paġna 23 tal-istess volum nsibu ritratt ta' l-istatwa tal-bronż tal-Papa Ġwanni XXIII li l-Prof. Pisi kien għamel għal Sotto il-Monte fejn twieled Papa Ġiovanni XXIII

Bosta huma l-opri artistiċi li diversi knejjes ta' Għawdex ħadu minn taħt idejn Carlo Pisi. Minn dawn l-opri l-prof. idejn Carlo Pisi. Minn dawn l-opri tal-prof. Pisi tirriżulta ċara x-xhieda li l-anġli tal-bronż li llum qegħdin iżejnu f'armonija x-xbieha inkurunata ta' Marija Assunta fil-Katidral huma tabilħaqq opra ta' artist wisq magħruf li tkompli żżid ma' diversi opri oħra li jżejnu l-Katidral ta' gżiritna.

STALLAZZJONI ĠDIDA TAD-DAWL

Din is-sena saret ukoll istallazzjoni ġdida tad-dawl elettriku fil-Katidral. Din l-istallazzjoni bidlet l-ewwel waħda li saret fl-1926, is-sena li fiha daħal għall-ewwel darba d-dawl elettriku. Matul il-medda taż-żmien sar ħafna tibdil u saru ħafna żidiet fid-dawl: issa l-istallazzjoni kienet waslet fi stadju li ma setgħetx tiffunzjona aktar u għalhekk il-bidla kienet mhux biss meħtieġa iżda wkoll indispensabli.

Il-pjanta ta' l-istallazzjoni tad-dawl saret mid-Ditta Pantalesco ta' Malta wara bosta kuntatti li saru bejn id-ditta u delegazzjoni kapitolari li kienet inħatret għal dan il-proġett. Is-Sur Henry Lynch Robinson, li huwa wieħed mis-settlers ingliżi f'Għawdex, ta l-pariri kompetenti tiegħu għall-kompilazzjoni ta' din il-pjanta billi huwa espert f"dan il-qasam. Difatti Lynch iddisenja l-istallazzjoni tad-dawl elettriku f'bosta Katidrali, teatri u postijiet pubbliċi fl-Ingilterra u f'pajjiżi oħra.

Ix-xogħol ta' l-istallazzjoni sar minn John Grech ta' Kercem, Għawdex. Qabel inbeda x-xogħol saret kitba, quddiem in-Nutar Dr. Joseph Spiteri, bejn id-delegati kapitolari u s-Sur Grech dwar ftehim fuq kundizzjonijiet msieħba ma' din l-istallazzjoni. Din il-kitba quddiem Dr. Spiteri saret fis-26 ta' Jannar 1979 u x-xogħol ta' dan il-proġett inbeda fi Frar, 1979, u ntemm eżattament fit-8 ta' Awissu, 1979.

IXTRU KOPJA

tal-"HERITAGE" No. 24

BIEX TAQRAW FIHA

ARTIKLU INTERESSANTI

Dwar il-KATIDRAL TA' GĦAWDEX.

www.gozocathedral.org.mt

THE ASSUMPTION

Through town and village the doleful tidings spread,
Throughout the Holy Land its way making:
Mary, the meekest creature that ever walked on earth,
This fleeting mortal life stood for departing.
By lanes, roads and out-of-the-way paths
Formerly with their Lord and Master often treading,
The surviving band of Apostles, grief-stricken and disconsolate,
Soon to the hallowed spot their way were wending.
Arriving at length worn out at the desired haven,
Painfully they entered the humble dwelling;
Behold the Lord's handmaid stretched on a lowly couch
For the inevitable fast-approaching end calmly waiting.
As truly devoted sons of a loving solicitious parent
Who, Her parting farewell would soon be bidding,
The sorrowing disciples — lonely, downcast and heart-broken
Round the venerable figure gathered, eager for a last blessing.
Gazing first lovingly on Her prostrate spiritual sons,
Her saintly trembling hand then faintly raising,
The parting consoling words were softly pronounced,
Following which, with bated breath everyone stood watching.
Like a cool soothing softly-stirring summer breeze
Even so a gentle slumber over the majestic countenance stealing;
The while angelic choirs in rapturous melodies uniting
In solemn tribute to Her glorious earthly passing.
Will the tabernacle of the Most High, choicest of the elect,
The same fate accorded to ordinary mortals be meeting?
Will the shrine of the God-Man be likewise smitten,
Her sanctified body crumbling into dust, a prey to worms ending?
Ah no! at the bidding of the Almighty, All-wise Creator
Mary was singularly spared the scourge of Adam's offspring:
Death accordingly being denied its corruptive powers,
Nor will the yawning grave in victory be exulting.
With heavy hearts the mourning inconsolable Apostles
Their pent-up deep emotions finally overcoming,
The blessed body silently bore away for interment,
In the designs of Providence of short duration proving.
A long-standing tradition still points out the sepulchre
Left of the road from Jerusalem to Bethany and Jericho leading
And to our own day known as the Tomb of the Virgin;
There the venerated corpse till the Assumption was resting.
To our exceeding joy in this dear little island-home

www.gozocathedral.org.mt

An outstanding event in the not-far-distant past occurring,
The Church's early traditional belief still further confirmed:
Our Lady's bodily Assumption into Heaven there is no denying.
To a local middle-aged pious peasant spinster
Instrumental seer and confidante of Her own choosing,
Through the historic altarpiece in the now-famous Marian shrine
In a most sensible manner such thrilling revelation making;
"Recite three Hail Marys", a soft voice rang out
Through the old oft-restored chapel instantly echoing,
"In honour of the three days' duration of my entombing".
Hark! the celestial message further evidence on Her resurrection shedding.

In the fullness of time, at Heaven's own appointed hour
On November 1st, 1950, the late Pius the Twelfth then happily reigning
On the centuries-old Catholic teaching set the final seal,
Thereby traditional doctrine into dogmatic truth expression finding.
Rome did speak and before a packed congregation at St. Peter's,
High-ranking clergy and distinguished laity among the gathering,
The saintly Pontiff joyfully pronounced that after Her earthly sojourn
The Mother of the Most High was assumed body and soul into Heaven

All you proud inheritors of an ancestral deep Marian devotion
Mark you this day all over the Catholic world the intense rejoicing;
Rise up and joining the chorus of ascending praise and prayer
Fervently invoke your Heavenly Mother, source of every blessing.
O most gracious Queen by the august Trinity solemnly crowned,
Copious fountain of clemency and power the sorely-distressed relieving,

To thy watchful motherly care our dear lives we commend;
See us safely poor pilgrims through constant travail groaning,
Finally, these resurrected glorified bodies tenderly embracing.

15th August, 1979. Lewis Gauci.

FOR THE TOURISTS:

A visit to the Gozo Cathedral is a must when you are in the Isle of Calypso.

www.gozocathedral.org.mt

L-OPRA TA' L-ISTATWI

F'din is-sena, sa tiżżanżan ukoll opra ta' l-istatwi li għandhom jitqiegħdu fuq pedistalli ġodda matul Triq ir-Repubblika. Dawn l-istatwi għandhom ilkoll konnessjoni jew relazzjoni mal-Madonna b'dak li kitbu jew ippriedkaw dwarha, jew inkella għax dak li wettqu f'ħajjithom għamilhom jixbhu lill-Madonna.

Għal din is-sena, sitta huma l-istatwi li se jiżżanżnu u huma dawn: Profeta Amos, Profeta Mikea, San Ċirillu, San Anastasju, San Bernard u Giovanni Duns Scoto.

Il-pedistalli għal dawn l-istatwi ħadimhom b'xejn M'Anġlu Grech u għalhekk ħaqqu kull tifħir u radd ta' ħajr.

L-opra ta' l-istatwi ħa ħsiebha Ġużeppi Debrincat li stinka mhux ftit u għadu jistinka biex jaraha mitmuma. Ta' min jagħmel kuraġġ lil nies ta' din il-ħeġġa u ta' dan iddinamiżmu, għaliex l-enerġiji tagħhom jeżerċitawhom biex iħallu lil ta' warajhom opra li tibqa' tagħti ġieħ u glorja lill-Madonna.

Michael Camilleri ħadem l-istatwi u għalhekk ma jistax ikun li din l-opra, meta tkun lesta kollha, ma tkunx suċċess, l-għaliex Michael tħarreġ f'din issengħa fl-iskola artistika ta' missieru, il-Kav. Agostino Camilleri, P.E.P. li miet fl-4 ta' Lulju ta' din is-sena u li, b'kunsens unanimu tal-poplu Malti u Għawdxi, kien imżejjen b'ħila mhux komuni f'dan il-qasam ta' l-arti.

Minn dawn il-kolonni, nieħdu l-opportunità biex nawguraw lil Michael Camilleri biex jissokta din l-opra bl-istess entużjażmu u ħeġġa li bihom bdiha ħalli hija tkompli tkabbar ġieħu fl-arti u, fuq kollox, tiftaħlu triqat ġodda fil-ġejjieni għall-iżvilupp tal-potenzjalità artistika tiegħu.

www.gozocathedral.org.mt

SANTA MARIJA 1979

Kewkba tas-sema,
li turi t-triq imdallma fil-għaxija ...
Santa Marija!

Omm l-Iben t'Alla
li jgħammar fostna ried, miet fit-tbatija,
Santa Marija!

U Omm il-Knisja,
ħu ħsieb il-Knisja fl-art, qlub għalenija,
Santa Marija!

Xħin fil-Ħmistax t'Awissu toħroġ fostna
u tgħaddi mit-triqat qalb ferħ u għana,
ħarisna lkoll mid-dnub, sabbar lill-morda,
żomm safja lill-ulied, iċ-ċkejknin tagħna.

U xħin fost ferħ tkun dieħla, ħares lejna,
mill-ġdid lil Kristu 'tina, tama tagħna;
agħmel li magħqudin qalb waħda safja,
inħobbu lil xulxin, ngħixu ferħana.

Ix-Xlendi. **REV. GEORGE MERCIECA.**

LIL SIDTNA MARIJA FIL-15 T'AWISSU

Iqimek Għawdex fit-tnissil bla ħtija,
fit-twelid tiegħek, Xebba u Omm tal-ħniena!
Int Omm il-Grazzji, kollok ġmiel mogħnija,
sokkors waqt it-taqbid ma' min bikkiena.

Iħobbok ġensna, Mera tal-Qdusija,
Torri ta' David, serħ ir-ruħ għajjiena,
Omm l-Imnikktin, Sultana Imgħollija
fuq kull ħolqien ma' Dak li b'demmu fdiena.

Hekk kif Awissu jersaq fuq dil-Gżira
bil-jiem sajfin u sħan, b'sema kaħlani,
Għawdex ifur bil-ferħ u bit-thennija.

15 t'Awissu, Jum Santa Marija,
jimtlew bis-sliem il-qlub tal-fqir u l-għani
magħquda ħaġa waħda f'Festa Kbira.

1979. **ANTON F. ATTARD**

www.gozocathedral.org.mt

Guillaumier Industries Ltd

The leading name in Glass and Aluminium products.

Specialists in:

- Aluminium Doors • Windows
- Facades Shop Fitting
- Steel & Aluminium Rolling Shutters • Venetian & Rolling Blinds • Sun Breakers
- Sun Awnings • Glass & Mirrors

Guillaumier Industries Ltd.
Miral Works - Cannon Road,
Hamrun, Malta.
Tel: 41326 (4 lines)
Cables: MIRMAL - MALTA
Telex: 412 MIRMAL MW.



www.gozocathedral.org.mt



www.gozocultural.org.mt

"L-ewwel ħjiel ta' siwi li għandna ta' din il-knisja imur lura sas-sena 1435 meta, eżatt fit-12 t'Ottubru, insibu lil Nucio de Episcopo, Għawdxi, iħalli xi ħaġa żgħira lill-kappillan tal-Knisja Matriċi ta' Santa Marija u . . . l-ebda knisja oħra f'Malta jew Għawdex ma kienet tissejjaħ matriċi f'dawk iż-żminijiet bikrija".

WERREJ

Il-Messaġġ ta' l-Arċipriet 1

Il-Viżitatur Mons. Ascanio Libertano iżur il-Matriċi ta' l-Assunta fis-sena 1585 2

Xbieha tal-Madonna mpinġija minn San Luqa fil-Katidral t'Għawdex 5

Il-Ftuħ tal-Kungress Ewkaristiku Djoċesan tal-1929 fil-Katidral t'Għawdex 9

Ġrajjiet importanti matul is-sena 12

Kronaka tal-Parroċċa 16

Il-Mużew tal-Katidral se jiftaħ 19

Dati fl-Istorja tal-Mużew tal-Katidral 21

Wirja dwar id-Drittijiet tat-Tfal 23

L-Opra tal-Anġli tal-Bronż 25

The Assumption 28

L-Opra ta' l-Istatwi 30

Santa Marija 1979 31

Lil Sidtna Marija fil-15 t'Awissu 31

Gozo Press

www.gozocathedral.org.mt